

Brussell, 27 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7808/23

Fajls Interistituzzjonali:
2021/0424(COD)
2021/0425(COD)

ENER 155
ENV 304
CLIMA 158
IND 147
RECH 111
COMPET 264
ECOFIN 281
CODEC 475

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	15111/1/21 REV 1 + ADD 1 REV 1 15096/1/21 REV 1 + ADD 1 REV 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni) - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għad-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu u għar-Regolament dwar is-suq intern tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (il-"Pakkett dwar il-Gass") bħala qafas ġdid tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-gass, il-promozzjoni tal-idroġenu u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan.

2. Il-Pakkett dwar id-Dekarbonizzazzjoni tas-Swieq tal-Idroġenu u tal-Gass għandu l-għan li jippermetti d-dekarbonizzazzjoni tal-konsum tal-gass naturali, filwaqt li joħloq qafas regolatorju għall-infrastruttura u s-swieq dedikati tal-idroġenu u ppjanar integrat tan-network. Jistabbilixxi wkoll regoli għall-konsumaturi u jsaħħaħ is-sigurtà tal-provvista.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

1. F'Lulju 2022, il-Presidenza Ċeka bdiet in-negozjati dwar il-proposti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija, li tkomplew mill-Presidenza Żvediża matul l-ewwel tliet xhur tal-2023. Fuq il-bażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat seba' reviżjonijiet kemm tar-Regolament kif ukoll tad-Direttiva.
2. Il-proposti ġew diskussi wkoll fil-Kunsill TTE (Enerġija) fil-25 ta' Ottubru 2022 fil-Lussemburgu, fejn il-punt ewlieni ta' attenzjoni kien l-iżvilupp tas-swieq tal-idroġenu, l-iskontijiet fit-tariffi għall-gassijiet tal-idroġenu, il-gassijiet rinnovabbli u dawk b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u t-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali. Il-ministri pprovdew gwida politika lill-Presidenza u stabbilew direzzjoni għal aktar ħidma.
3. Is-seba' reviżjoni attwali kif tinsab fid-dokumenti 7556/23 u 7557/23 għandha sservi bħala l-bażi għall-Approċċ Ġenerali. It-test il-ġdid miktub **b'tipa grassa** u t-tħassir immarkat bi [...]

III. ĦIDMA FIL-PARLAMENT EWROPEW U KORPI OĦRAJN TAL-UNJONI

1. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) qed imexxi ż-żewġ fajls. Ir-rapporteur maħtur għar-Regolament huwa l-MPE Jerzy Buzek (PPE, Polonja) u r-rapporteur għad-Direttiva huwa l-MPE Jens Geier (S&D, Ġermanja). Il-Parlament adotta ż-żewġ rapporti fis-16 ta' Frar 2023.
2. Fid-19 ta' Mejju 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Ottubru 2022.

IV. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

1. L-Istati Membri appoġġaw il-mod li bih id-dibattitu ta' orjentazzjoni u d-diskussjonijiet tat-TTE fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ġew riflessi matul il-ħidma fuq is-seba' reviżjoni taż-żewġ proposti.
2. Il-bidliet prinċipali jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

Fir-rigward tar-Regolament:

- a) Fl-Artikolu 3 fi ħdan il-prinċipji tas-suq, ġie ċċarat li l-impriżi attivi fl-istess sistema ta' dħul u ta' ħruġ ser ikunu jistgħu jiskambjaw gassijiet fil-punti ta' kummerċ virtwali jew fiżikament fil-punti ta' interkonnessjoni.
- b) Fl-Artikoli 5(6), 7(7) u l-premessa 70a, ġiet introdotta dispożizzjoni eċċezzjonali ġdida li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri proporzjonati biex jillimitaw temporanjament l-offerti bil-quddiem għall-kapaċità minn kwalunkwe utent waħdani tan-network fil-punti ta' dħul u fit-terminals tal-LNG għall-konsenji mill-Federazzjoni Russa u l-Belarusja.
- c) Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' ħażna, it-test mir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass adottat f'Ġunju 2022 ġie inkorporat hawnhekk fl-Artikolu 13b il-ġdid. B'rabta ma' din iż-żieda, ġie miżjud paragrafu 3 ġdid mal-Artikolu 15 dwar l-applikazzjoni ta' skont ta' 100 % għat-tariffi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni bbażati fuq il-kapaċità lejn faċilitajiet tal-ħażna tal-gass taħt l-art u faċilitajiet tal-LNG.
- d) Fl-Artikolu 16, saret differenzjazzjoni bejn skontijiet fit-tariffi għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema naturali b'tariffi ffixxati għal 100 % u 75 % rispettivament. Ġiet inkluzja l-possibbiltà li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jiddeċiedu li ma japplikawx skontijiet jew li jiffissawhom bħala aktar baxxi, u dan jirrifletti t-tħassib ta' dawk l-Istati Membri li għandhom, jew li jistennew li jkollhom, sehem għoli ta' gassijiet rinnovabbli/b'livell baxx tal-karbonju fit-taħlita tal-enerġija jew li jista' jkollhom tħassib dwar l-impatt potenzjali fuq il-flussi transfruntiera.

- e) L-Artikolu 19 dwar il-koordinazzjoni transfruntiera dwar il-kwalità tal-gass fis-sistema tal-gass naturali issa japplika biss għat-taħlitiet tal-idroġenu fejn il-kontenut tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali ma jaqbiżx it-2 fil-mija skont il-volum. Biex isolvu kwalunkwe tilwim dwar restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntiera kkawżati mid-differenza fit-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati ser ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet koordinati konġunti. Is-soluzzjoni tirrifletti x-xettiċiżmu ta' diversi Stati Membri dwar it-taħlit, filwaqt li xorta tiżgura flussi transfruntiera tal-gass mingħajr xkiel. L-għan tar-Regolament huwa li jinżamm approċċ armonizzat fil-livell tal-UE dwar il-kwalità tal-gass, inkluż il-kontenut tal-ossiġenu u t-taħlit.
- f) Fl-Artikolu 20b dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għall-bijometan, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu ġie ċċarat.
- g) Fir-rigward tal-Artikolu 67 (emendi għar-regolament dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija), diversi dispożizzjonijiet tqiesu skaduti u għalhekk tħassru. Dawn inkitbu qabel il-kriżi tal-enerġija, u minn dak inhar, ġew sostitwiti minn Regolament ta' emerġenza tal-Kunsill li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntieri tal-gass u mill-ħidma tal-Kummissjoni fuq il-pjattaforma għax-xiri tal-gass. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet qiesu li għadu mhux il-mument li wieħed jipproċedi b'emendi dettaljati għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista, minħabba l-kriżi li għaddejja bħalissa.

Fir-rigward tad-Direttiva:

- a) Il-premessi l-ġodda 35a u 36a jagħtu aktar dettallji dwar is-similaritajiet u d-differenzi bejn il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli (skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli) u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini (skont id-direttiva dwar il-gass).
- b) Il-premessa 70 għet iċċarata biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni orizzontali għall-idroġenu minnuxa fl-Artikolu 63 ma jimplikawx separazzjoni funzjonali tal-governanza jew separazzjoni tal-maniġment jew tal-persunal u b'hekk, is-sinerġiji bejn l-operaturi tan-networks, bħal permezz tal-kondiviżjoni tas-servizzi u l-istrutturi ta' governanza, jistgħu jinżammu bis-sħiħ.
- c) Fil-każ tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2:
- Fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-paragrafi (10) sa (12) bi tweġiba għat-tħassib tal-Istati Membri li dawn id-definizzjonijiet ma kellhomx preċiżjoni fir-rigward tal-limitu ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 70 %, żdied komparatur tal-fjuwils fossili (kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli).
 - Saru bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tas-"sistema ta' dħul u ta' ħruġ" fil-paragrafu (53) biex tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar l-aċċess għas-siti tal-produzzjoni u r-rwol tat-TSOs u tad-DSOs.
- d) Għe miżjud Artikolu 4a għdid bi tweġiba għat-talbiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-intervent pubbliku fl-iffissar tal-prezzijiet f'każ ta' kriżi tal-gass naturali.
- e) Fl-Artikolu 8, għe speċifikat li l-Istati Membri, għall-fini taċ-ċertifikazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ser jirrikjedu mingħand l-operaturi ekonomiċi konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

f) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-konsumatur:

- Fl-Artikolu 11, ġie ċċarat li fil-każ ta' offerti offruti bħala pakkett, il-klijenti ser ikunu jistgħu jtemmu servizzi individwali ta' kuntratt u l-klijenti ser ikunu jistgħu jtemmu l-kuntratti tal-provvista tal-gass tagħhom fi żmien qasir.
- L-Artikolu 11a ġdid ġie miżjud biex jipprovdi regoli suffiċjenti għall-protezzjoni tal-konsumatur f'każ ta' tneħħija gradwali tal-gass naturali. Ġie speċifikat ukoll li għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet tal-klijenti vulnerabbli jew tal-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku.
- L-Istati Membri ngħataw flessibbiltà rigward l-istabbiliment tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini previsti fl-Artikolu 14. Ġie enfasizzat ukoll l-aspett lokali ta' dawn il-komunitajiet. Barra minn hekk, biex jiġi enfasizzat ir-rwol tal-klijenti domestiċi, tal-inqas 15 % tad-drittijiet ta' votazzjoni huma allokatilhom.
- Fl-Artikolu 15, saret kjarifika dwar liema tip ta' klijenti għandhom jirċievu l-għażla ta' kontijiet elettroniċi u informazzjoni elettronika dwar il-kontijiet.
- Fl-Artikolu 17, (b'mod simili bħal fl-Artikolu 16 dwar il-gass naturali) żdiedet dispożizzjoni li tagħti l-possibbiltà lil Stat Membru li jorbot l-obbligu li jintroduċi s-sistema ta' kejl intelliġenti fis-sistema tal-idroġenu ma' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji.
- Fl-Artikolu 20, ġiet proposta kjarifika li l-klijenti domestiċi li ma jużawx il-gass għal skopijiet ta' tisħin jistgħu jiġu eżentati mill-Istat Membru mir-rekwiżit li jkollhom arloġġ konvenzjonali għall-gass naturali. L-eżenzjoni ġiet estiża wkoll għal bini fejn il-maġġoranza tal-konsumaturi jkunu unitajiet domestiċi li jużaw il-gass b'tali mod.

- g) Fl-Artikolu 31, il-proposta tal-Kummissjoni inkludiet fażi ta' żieda biex is-swieq tal-idroġenu jiżviluppaw sal-2030, li warajha japplikaw regoli aktar dettaljati. Madankollu, il-fażi ta' tranżizzjoni għall-elementi tad-disinn tas-suq tal-idroġenu ġiet estiża sa tmiem l-2035 biex tirrifletti t-tħassib li s-suq tal-idroġenu mhux ser ikun matur biżżejjed sal-2030 għall-implimentazzjoni tal-aċċess regolat ta' partijiet terzi. L-istabbiliment ta' data fissa jżid ukoll il-prevedibbiltà għall-partijiet ikkonċernati meta mqabbla ma' mekkaniżmu ta' rieżami.
- h) Fl-Artikolu 32, fil-prinċipju, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess ta' partijiet terzi għat-terminals tal-idroġenu fuq il-bażi ta' aċċess innegozjat. Madankollu, żdiedet flessibbiltà li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw aċċess regolat ta' partijiet terzi għal dawk it-terminals.
- i) L-Artikolu 34, fir-rigward tar-rifjut ta' aċċess u konnessjoni, ġie estiż billi żdiedet dispożizzjoni li Stat Membru jista' jippermetti lit-TSO jew lil DSO jirrifjuta l-aċċess (jew jaqta' l-konnessjoni) sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-implimentazzjoni tal-oġettiv tan-newtralità klimatika stipulat fil-liġi tal-UE dwar il-Klima.
- j) L-Artikolu 46(2) ġie emendat biex jipprovdi diskrezzjoni lill-Istati Membri biex jattribwixxu r-responsabbiltà għall-bini ta' interkonnessjonijiet transfruntiera lil ċerti operaturi ta' networks tal-idroġenu biss.
- k) L-Artikolu 47 dwar derogi minn xi obbligi għan-networks eżistenti tal-idroġenu ġie emendat, b'mod partikolari billi tneħħa l-limitu ta' żmien għad-derogi filwaqt li ġie inkluż test tas-suq biex l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tikkonkludi meta għandha tiskadi deroga.

- l) L-Artikolu 48 dwar in-networks tal-idroġenu ġeografikament konfinati ġie estiż sabiex tinholq il-possibbiltà ta' deroga minn ċerti obbligi għan-networks ta' natura iżolata jew distributtiva, filwaqt li jipprovdi qafas simili ta' dak għan-networks tad-distribuzzjoni tal-gass. Żdiedet kondizzjoni ġdida li tiegħu post il-"konnessjoni unika tan-network". Il-possibbiltà li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jirtiraw il-benefiċċju tad-deroga ġiet ċirkoskritta aħjar.
- m) L-Artikolu 49 dwar interkonnetturi tal-idroġenu ma' pajjiżi terzi ġie ċċarat. Il-verżjoni riveduta tindika li l-Istati Membri huma obbligati jikkonkludu ftehimiet internazzjonali jew ftehim intergovernattiv skont l-Artikolu 82 qabel ma joperaw tali interkonnettur jew qabel ikollhom intenzjoni li jiġu konnessi.
- n) Fir-rigward tar-rapportar dwar l-iżvilupp tan-networks tal-idroġenu, it-test ta' kompromess jagħti flessibbiltà lill-Istati Membri biex japplikaw jew l-Artikolu 52 jew 51 meta jirrapportaw ħarsa ġenerali tal-infrastruttura tan-network tal-idroġenu li jkollhom l-għan li jiżviluppaw.
- o) Fl-Artikolu 53 dwar il-finanzjament tal-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu, it-test ta' kompromess jiddikjara li l-proġetti ta' interkonnetturi tal-idroġenu, ħlief proġetti ta' interess komuni, għandhom iġarrbu l-kostijiet tagħhom stess u jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tas-sistema ta' tariffi. Huma jistgħu jfasslu wkoll pjan ta' proġett, inkluż talba għal allokazżjoni transfruntiera tal-kostijiet. Saru emendi korrispondenti fl-Artikolu 6 tar-Regolament.

- p) Fl-Artikolu 62, il-proposti inizjali tal-Kummissjoni għas-separazzjoni vertikali tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu kienu jinkludu l-iskadenza tal-mudell ta' separazzjoni tal-Operatur Indipendenti tat-Trażmissjoni ("ITO") sa tmiem l-2030 u d-disponibbiltà tal-mudelli tal-operatur indipendenti tas-sistema ("ISO") u tal-ITO biss għan-networks tal-idroġenu li kienu jappartjenu għal impriżi integrati vertikalment mad-dħul fis-seħħ tal-Pakkett dwar il-Gass.

Il-mudell tas-separazzjoni tas-sjieda nżamm bħala l-mudell ta' separazzjoni prestabbilit; madankollu, l-Artikolu 62(4) tfassal mill-ġdid biex jagħti aktar flessibbiltà fir-rigward tad-deżinjazzjoni tal-entità li sservi bħala operatur integrat tan-network tal-idroġenu f'konformità mar-regoli tal-ITO. L-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn derogi għan-networks eżistenti tal-idroġenu u għan-networks konfinati ġeografikament (l-Artikoli 47 u 48), li l-applikazzjoni tagħhom ġiet issimplifikata.

- q) L-Artikolu 80 inbidel biex jimmodifika ċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri li mhumx ikkonnettjati direttament mas-sistema interkonnessa ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet partikolari tad-Direttiva. Fl-istess Artikolu, ġiet introdotta deroga mis-separazzjoni għal-Lussemburgu biex tirrifletti l-qafas regolatorju attwali tagħhom fis-swieq tal-gass u tal-elettriku. Ġiet mogħtija deroga addizzjonali fl-Artikolu 80a l-ġdid għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja.

V. **KONKLUŻJONIJIET**

1. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsab fid-dokumenti 7556/23 u 7557/23, jiddiskuti l-kwistjonijiet pendenti kollha mqajma mid-delegazzjonijiet u jilħaq qbil dwar l-approċċ ġenerali tal-Kunsill, bil-ħsieb tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew.